MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 163/2008

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi fit-8 ta’ April 1995 il-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. DC;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel bl-isem ta’ D li twieled fis-6 ta’ Lulju 1995;

3. Illi l-imsemmi zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-8 ta’ April 1995, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-8 ta’ April 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien

vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenut fit-termini tal-paragrafu [f], ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' April 1995 meta allura l-attrici, cittadina maltijia ta' 16-il sena, u l-konvenut, cittadin Germaniz ta' 24 sena, kienu ilhom johorgu flimkien ftit xhur. Matul dan il-perijodu l-attrici kienet harget tqila, u meta dina kellha sitt xhur tqala' zzewwgu bir-rit civili bl-intendiment li eventwalment jizzewwgu bir-rit religjuz, u jaghmlu tieg. Fis-6 ta' Lulju ta' l-istess sena twieled it-tifel D. Izda wara konvivenza matrimonjali ta' circa sitt snin il-konvenut telaq mid-dar konjugali u l-partijiet isseparaw de facto. Illum il-gurnata l-konvenut ghandu zewgt itfal minn mara ohra.

Illi fix-xhieda taghha l-attrici tghid li huma bdew jillitigaw mill-bidu nett taz-zwieg meta hija kienet ghadha qeda tistenna t-tarbija, u dan peress li l-konvenut, allura zewgha kien ikun irid johrog wahdu u jmur id-discos filghaxija. Tghid: "C never meant to get married, he refused an exclusive relationship. In fact, the fact that we were married did not stop him from seeing other people. Had I not got pregnant we would not have married… We immediately started arguing on every little thing because there was no love…C was not ready for marriage and married life.  He defenitely did not want any commitment or responsibility…. It was C who could not take it any longer, and decided to leave."

L-attrici tispjega li huma qatt ma wasslu biex izzewwgu bir-rit religjuz peress li kellhom il-problemi mill-bidu nett; u ghalhekk, kif weldet it-tarbija, hija kienet bdiet tiehu l-pillola kontracettiva biex ma jkolliex aktar tfal.

Sussegwentement skopriet li l-konvenut kellu tarbija minn relazzjoni extra matrimonjali meta kienu ghadhom jikkonvivu flimkien; u sussegwentement, izda wara li sseparaw, il-konvenut kellu tarbija ohra barra z-zwieg.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jikkonferma dawn il-fatti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-kwadru premess tal-fatti sodisfacentement provati, il-Qorti tirravviza l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat fil-konfront tal-konvenut li, bl-imgieba tieghu mmedjatament wara z-zwieg, huwa wera li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu huwa kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja matrimonjali, b’ mod partikolari dwar l-obbligu tal-fedelta’ fiz-zwieg.

Jirrizulta manifest li dan iz-zwieg sar biss minhabba t-tqala ta’ l-attrici; u qatt li ma messu sar ghax il-konvenut ma kienx ippreparat ghal hajja konjugali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ it-talba ta’ l-attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta’ April 1995.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------